**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Justine Grech)**

**vs.**

**Shirley Mamo, bint Mario u Rita nee` Grech, imwielda Pietà, nhar il-5 ta' Settembru, 1984, residenti fil-fond St. Paul' s Court, Block I, Flat 3, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Baħar, u detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 432884 (M)**

***Numru: 29/2019***

Illum, 3 ta' Ġunju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputata **Shirley Mamo** u ċioe` talli:

F' dawn il-Gżejjer fis-7 ta' Frar, 2016, u fis-snin ta' qabel:

Kellha fil-pussess tagħha mediċina psikotropika u ristretta mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x' jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f' tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tagħha;

> F' każ ta' ħtija l-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-4 ta' Frar, 2022, fejn dik l-Onorabbli Qorti ordnat li l-atti fl-ismijiet premessi jiġu rinvjati lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-każ jerġa jiġi deċiż mill-ġdid skond il-liġi.

Rat id-digriet ta' astensjoni mogħti mill-Onor. Maġistrat Dr. J. Mifsud tal-25 ta' Frar, 2022;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

**Punti Preliminari**

L-abbli difensur fil-kors tat-trattazzjoni finali saħaq li l-istqarrija tal-imputata li ngħatat fis-7 ta' Frar, 2016 u ċioe` fl-assenza tal-legali tagħha, għandha tiġi skartata u dan il-linja ma deċiżjonijiet riċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali.

F'sentenza mogħtija f'dawn l-aħħar ġranet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) ikkunsidrat:[1]

> 16. Illi għalkemm din l-Qorti ma tistax tikkondividi l-preokkupazzjoni tal-Qorti Kriminali illi teżisti inċertezza fil-liġi minħabba deċiżjonijiet tal-qrati, li fil-fehma tagħha, huma konfliġġenti, madanakollu hija tal-fehma illi illum, fid-dawl tas-sentenzi mogħtija in materja, jidher opportun li l fehma ta' din il-Qorti tkun konsoni maddirezzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali li hija waħda kostanti u ripetuta u dan fir-rigward ta' kawżi kriminali li għadhom sub iudice. Dan għalkemm id-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem hija univoka, u ċioe' illi kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex assistenza legali waqt it-teħid tal-istqarrija, dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha.
>
> 17. Illi fid-dawl ta' dan l-insenjament din il-Qorti kienet u tibqa' tal-fehma illi f'dan listadju bikri tal-proċeduri fejn il-proċess penali għad irid jinstema' mill-qorti kompetenti ma jistax jingħad jekk il-

[1] Per Imħallfin S.T.O. Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti; Onor Imħallef Dr. Edwina Grima u Per Onor Imħallef Dr. Giovanni Grixti; 04 ta' Mejju, 2022; Att ta` l-Akkuża Nru. 05/2021; **Ir-Repubblika ta` Malta vs Andrew Mangion**

kriterji indikati fil-kaz Beuze ġewx segwiti. Ukoll għaliex la din il-Qorti u lanqas il-Qorti Kriminali qabilha ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarrġu f'dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ, iktar u iktar f'dik is-sitwazzjoni fejn l-assistenza legali tkun ġiet mogħtija skont il-kriterji previsti mill-Liġi viġenti fiż-żmien rilevanti, u b'mod partikolari meta l-ġudikabbli jkun għamel użu minn dak id-dritt billi jkun kiseb dik lassistenza legali qabel ma jkun irrilaxxja xi stqarrijiet lill-investigaturi. Dan għaliex skont l-imsemmija pronunzjamenti dan n-nuqqas ta' assistenza legali waqt linterrogatorrju innifsu, ma jwassalx awtomatikament għal leżjoni tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, meta l-Qorti Ewropeja issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti. ....

19. Dan magħdud, madanakollu, l-Qorti tistqarr illi hija konsapevoli talpronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju billi jinsorġi lperiklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smigħ xieraq.[2] Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet xi leżjoni, billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, iżda jidher illi bħala rimedju prekawzjonarju minħabba f'leżjoni potenzjali, dik il-Qorti qiegħda ripetutament tagħti d-direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta'l-istqarrija. Illi għalkemm, kif ingħad, l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess, u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx, biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha, madanakollu l-Qorti ma tistax ma timxiex mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali billi jidher li din hija waħda kostanti, għalkemm kif ingħad il-proċess ġudizzjarju għadu ma wasalx fit-tmiem tiegħu. Intqal hekk fl-aktar deċiżjoni reċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali[3]:

> **11. Illi dan ifisser ukoll li għalkemm jista' jkun li dik l-istqarrija maħlufa ma kisritx diġa` l-jedd fundamentali tal-appellat għal smigħ xieraq (minħabba li lproċess kontrih għadu mhux mitmum), x'aktarx iġġiblu ksur ta' dak il-jedd li kieku wieħed kellu jqis dak li tgħid fiha u jimxi fuqha. .....**
>
> **15. Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif jitħaddem kemm l-Artikolu 39 talKostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu ta'bilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun, u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin millistess qorti. Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għallkonklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq. F'ċirkostanza bħal din u safejn ma toħroġx prova ta' xi ħsara jew preġudizzju li ma jissewwiex, huwa ndikat u għaqli li l-istħarriġ dwar jekk wieħed ingħatax smigħ xieraq isir wara li jkun intemm il-proċediment li jkun u mhux qabel.**

[2] **Clive Dimech vs Avukat Generali, The Police vs Alexander Hickey, Morgan Onuorah vs l-Avukat ta'l-Istat**
[3] QK – **Christopher Bartolo vs l-Avukat ta'l-Istat** – deċiża 26/04/2022 14

**Huwa minnu wkoll li wieħed ma jistax jeskludi minn qabel li jista' jkun hemm ċirkostanza proċedurali waħda matul il-proċess ġudizzjarju li taf tkun serja u determinanti biżżejjed biex titlob l-istħarriġ tal-ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda r-regola tibqa' li jitqies l-iter proċedurali kollu. ...**

Iżda finalment imbagħad ġie hekk deċiż:

**Min-naħa l-oħra, bħalma din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ewwel kawża kostituzzjonali sabet li kien jixraq li ma jsir l-ebda użu ieħor taż-żewġ stqarrijiet li r-rikorrent appellat ta lill-Pulizija, bla ma sabet li kien diġa` ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, hekk ukoll f'dan il-każ, il-fatt li din il-Qorti jidhrilha li ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija maħlufa li lappellat għamel quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, ma jfissirx li dan qiegħed isir għaliex huwa ġarrab ksur ta' dak il-jedd, imma sewwasew biex jitneħħa lbiżgħa li jista' jġarrab ksur bħal dak;**

20. Illi l-Qorti allura trid neċessarjament timxi mad-direzzjoni li qed tingħata millQorti Kostituzzjonali, u dan għalkemm f'dan l-istadju tal-proċeduri ma jistax jingħad illi l-prova magħmula permezz tal-istqarrija tal-imputat hija mittiefsa minn xi difett proċedurali li jirrendieha inammissibbli. Dan qed isir ukoll bil-għan li jkun hemm trattament ugwali bejn il-persuni kollha li jersqu quddiem il-qrati penali sabiex ikunu ġġudikati dwar reati allegatament minnhom kommessi u wkoll sabiex ikunu evitati proċeduri ulterjuri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, bil-proċess ġudizzjarju jitwal inutilment.

Fid-dawl ta' dan it-tagħlim ġurisprudenzjali, fejn ma jirriżultax li kien hemm *compelling reasons* għaliex l-imputata meta kellhiex tingħata dritt għall-avukat waqt l-interrogazzjoni tagħha, bl-unika raġuni tkun li sa dak iż-żmien ir-restrizzjoni kienet waħda sistematika, l-istqarrija tagħha rilaxxata nhar is-7 ta' Frar, 2016, qed tiġi meqjusa bħala prova inammissibbli w għalhekk tordna l-sfilz tagħha.

Madanakollu dan ma jfissirx li din l-istqarrija kienet leżiva tad-drittijiet tagħha iżda kif tenniet il-Qorti Kriminali, "*in vista tal-fatt li l-Qrati għadhom sal-lum il-gurnata jaghtu direzzjonijiet differenti dwar stqarrija li giet mehuda minghajr ma l-akkuzat kellu assistenza legali, kemm qabel, kif ukoll waqt l-istqarrija, fl-interess tal-gustizzja u l-integrita' tal-process...*",[4]kwalunkwe referenza li saret fl-atti, inkluż fix-xhieda għal dak li l-akkużata setgħet qalet waqt l-investigazzjoni w waqt l-istqarrija mingħajr preżenza ta' Avukat, huma wkoll inammissibbli.

Ikkunsidrat,

**L-Ispettur Justine Grech** spjegat l-involviment tagħha fl-investigazzjoni kondotta minnha mal-Pulizija tad-Distrett: "*Nhar is-sebgħa (7) ta' Frar tal-elfejn u sittax (2016) jiena kont qiegħda Għawdex minħabba li kien hemm il-karnival u kienu qegħdin isiru xi spezzjonijiet. Fil-fatt kont ġejt infurmata mill-pulizija li kienu waqqfu*

[4] Per Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; 29 ta' Lulju, 2021, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Sammut**

*persuna, ċerta Shirley Mamo, li qed nagħraf hawnhekk f'din l-awla, dakinhar kienet liebsa kostum. Kont infurmata mis-surġenti li huma kienu qed jagħmlu xi spezzjonijiet, kien hemm tlett (3) persuni ġo karozza, in-number plate kien XER 984. Hi kienet il-persuna li kienet qiegħda fis-seat tax-xufier fejn meta għamlu l-inspections u kienu għamlu searches fil-basket tagħha kienu nstabu seba' (7) pilloli suspettati droga".*[5] L-**Ispettur Bernard Charles Spiteri** filwaqt li ddeskriva l-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija, ikkonferma li *"Dakinhar kien il-karnival".*[6]

**WPC133 Althea Sammut** spjegat kif fis-7 ta' Frar 2016 waqt spezzjonijiet li kienet qed tagħmel ma PS343 u PC971 fl-inħawi ta' Villa Fiorita, Marsalforn, osservaw vettura misjuqa mill-imputata fejn il-passiġġier kien raġel Saret tfittxija fuq Mamo u fil-basket tagħha instabet borża b'seba' (7) pilloli suspettati *ecstasy.*[7]

**PS342 Johan Said** ikkonferma din il-verżjoni *"Ġo basket li kellha Shirley Mamo nstabu sebgħa (7) pilloli li kellhom fuq naħa handset ta' telephone printjata u kien fihom traċċi ħodor magħhom, anke fil-pouch kien hemm, u qaltilna li kienet farrket xi pillola minnhom.... dawn sibnihom fil-belongings tagħha".*[8] PS Said esebixxa ir-rapport imħejji minnu.[9] Is-surġent jiddikjara li mill-ewwel mumenti Mamo ikkowoperat mal-pulizija.[10]

**PS951 David Xerri** jagħti aktar dettalji dwar dak li irriżulta minn tfittxija li saret fuq l-imputata: *"....nhar is-sebgħa (7) ta' Frar elfejn u sittax (2016) waqt li kien qiegħed isir party ġewwa Villa Fiorita, Triq il-Merżuq, Żebbuġ, Għawdex, Marsalforn, hekk għat-tlieta u nofs neqsin ħamsa ta' filgħodu (3.25 a.m.) PS 342 innota vettura b'numru XER 984 fejn qalilna, "ejja ħa nwaqqfuha." Is-surġent waqqafha u x-xufier ta' din il-karozza kienet ċerta Shirley Mamo, ID card number 432884M, li qed nagħraf hawnhekk ġewwa l-awla. Saret it-tfittxija ġewwa l-karozza u nstabu seba' (7) pilloli fil-basket tagħha suspettati ecstacy."*[11]

**Dr. Godwin Sammut** eżamina l-borża pilloli li nstabu fuq l-imputata w ppreżenta r-relazzjoni tiegħu.[12] Jixhed *"Jiena għamilt analiżi fuq il-pilloli. Bħala konklużjoni fuq estratti meħuda minn dawn il-pilloli irriżulta* ***pożittiv għal***

[5] Fol.56
[6] Fol.28
[7] Fol.18
[8] Fol.22
[9] **Dok.JS1** a fol.25-27
[10] Fol.23
[11] Fol.58
[12] **Dok.GS1** a fol. 47 et serq

***methylenedioxymethamphetamine (MDMA) li hija l- ecstacy u n-numru total ta' pilloli kienu ta' sebgħa (7).".***[13]

L-imputata **Shirley Mamo** għażlet li tieħu l-pedana tax-xiehda u bdiet biex tgħid li fil-passat kellha problema tad-droga fejn kienet tfittex *parties* fejn tiġi kkunsmata d-droga. Kienet in-Nadur u wara kienet sejra *party* f'post ieħor. Kienu erba' minn nies b'kollox, tnejn f'vettura waħda w hi flimkien ma ħabib tagħha fil-vettura tagħha.[14] Minn Nadur *"Aħna xtrajna l-pirlmli biex ikollna għall-party, jiena lħaqt ħadt waħda, biċċa minnha, għax ħallejt ftit minnha, ... Xtrajna qisu sebgħa (7), u jiena xtrajt tnejn (2); l-oħrajn xtraw ukoll u żammejthom kollha fuqi.* [Il-Qorti: Jiġifieri tnejn kienu tiegħek.] ... *Tnejn, u jiena ħadt biċċa minnha lħaqt."*. Wara li xtrawhom żammithom kollha f'borża waħda *"Żammejthom jien, yes."*, għalkemm tnejn biss kienu mixtrija għaliha w laħqet ħadet biċċa. Meta twaqqfet mill-pulizija ma riditx tikxef lill-oħrajn *"U tfajthom kollha fuqi."*. Tisħaq li wara li seħħ il-każ biddlet ħajjitha w irriformat ruħha.[15] Il-pilloli nxtraw b'€10 il-waħda w għalhekk hi ħallset €20.Tiġhad li qatt biegħet droga.[16]

In kontro-eżami tispjega li spiċċat iżżomm il-pilloli fuqha tixhed *"Għax għamilna deal malajr, hekk, in-Nadur, u ħadthom kollha f'idi u żammejthom jien"*. Il-flus inqassmu bejniethom.[17] Mitluba tispjega mill-uffiċjal prosekutur għaliex, meta fetħet il-borża biex ħadet nofs ma qabditx u qassmet il-pilloli u għaddiet lill-sħaba l-pilloli tagħhom, twieġeb *"jiena mbagħad bdejt inħossha l-pirmla tiela' għal moħħi, tipo, u minn Nadur morna mill-ewwel għall-party, tipo konna ħa naqsmuhom ġewwa."* Hi baqgħet fil-kumpanija ta' sħabha.[18]

Il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-pulizija lanqas biss indenjat ruħha tieħu d-dettalji tal-passiġġier rikeb mal-imputata. Filwaqt li hu minnu li l-imputata nnifisha setgħet tressaq bħala xiehda lill-sħabha, ma jistax jintesa li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha magħdud mal-fatt li kemm il-darba jiġu identifikati mill-imputata dawn sħabha, l-imputata tkun effettivament qed tesponihom għall-proċeduri penali.

Jibqa' l-fatt li l-verżjoni tal-imputata hi waħda plawsibbli w verosimili. Spiteri jixhed li kien żmien il-karnival. M'hemmx dubbju li l-fatti dakinhar kienu jissostanzjaw tali imputazzjoni, u kien preċiżament għaliex qatt ma hu għaqli li wieħed jieqaf jinvestiga ulterjorment kemm il-darba l-pulizija jkollha f'idejha stqarrija. Dejjem hu mistenni – anke biex tassew isir ħaqq mas-soċjetà kif ukoll

[13] Fol.46
[14] Fol.67
[15] Fol.68
[16] Fol.69
[17] Ibid.
[18] Fol.70

mal-persuna imputata – li każ ikompli jissaħħaħ bi provi oħrajn li jistgħu ikunu jeżistu. F'dan il-każ hu tassew inspjegabbli kif ix-xhud okulari, li kien rikeb mal-imputata, ma ġiex investigat jew minn tal-anqas ittella jixhed biex ikompli jikkorrobora l-fatti tal-każ kemm jekk favur u kemm jekk kontra l-imputata. Iżda minflok **il-prosekuzzjoni għażlet tieħu l-eħfef triq u tistrieħ fuq stqarrija tal-imputata filwaqt li tiskarta provi lampanti oħra.**

Mix-xiehda tal-imputata, baqa' ma ħariġx ċar jekk indaħħlitx hi biex tmur tixtri d-droga għaliha w għall-oħrajn, f'liema każ kien japplika l-ewwel *proviso* għall-artikolu 120A(7) tal-Kap.31, jew kienux ilkoll preżenti fil-mument tal-akkwist. Li jirrizulta żgur hi x-xiehda ta' Mamo, mhux kuntrarjata minn xi provi tal-prosekuzzjoni, li Mamo u sħabha kienu flimkien meta nxtrat id-droga. M'hemmx prova kuntrarja li dawn ftehmu li jixtru d-droga w ilkoll ħarġu flus għaliha; droga li nxtrat għaliha w għal sħabha w li hi baqgħet iżommha fuqha.

Din id-distinzjoni takkwista importanza meta jiġi kunsidrat it-tagħlim ġurispridenzjali in materja.

Fis-sentenza I**l-Pulizija vs AB** il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet eżami *funditus* fuq id-distinzjoni bejn *traffiking by sharing* u l-ko-akkwist u allura pussess għall-użu personali:[19]

> Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-25 ta' Novembru 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ryan Galea**. F'dak il-każ l-appellant u t-tfajla tiegħu ddeċidew illi jixtru d-droga *cannabis* flimkien. Il-flus sabiex tinxtara din id-droga ħarġithom it-tfajla u ċioe` l-għarusa tal-appellant. Ġara pero` illi meta huma marru sabiex jixtru d-droga, l-appellant kien qed isuq il-vettura u meta waqfu, il-fornitur mar fuq in-naħa tal-appellant u għadda d-droga fiżikament lilu, filwaqt illi dan ħallas bil-flus li kienet tagħtu t-tfajla tiegħu. Meta ħa d-droga, huwa għaddielha parti minnha, stante illi dik id-droga kienet intiża għat-tnejn li huma. F'dan ir-rigward, il-Qorti qalet hekk:
>
> > "Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn il-fatti ma jwasslux sal-estremi ta' traffikar tad-droga da parti ta' l-appellant. Mhux kaz ta' 'sharing' tad-droga fis-sens li hu biss gja kellu id-droga, kien xtraha jew ottjeniha hu biss u ta minnha lil terzi. Il-fatti rizultanti ma jinkwadrawx ruhom fl-elementi kompleti rikjesti ghal traffikar ta' droga, izda semplicement ta' pussess illegali taghha."
>
> Il-Qorti ser tagħmel referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fil-11 ta' April 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Gatt**. F'dak il-każ żewġ ġuvintur instabu fil-pussess ta' siringi, droga u s-somma ta' Lm515 fi flus kontanti. Tfittxija fid-dar tal-imputat wasslet għal sejba ta' aktar oġġetti relatati mal-użu tad-droga. Fl-istqarrija tiegħu, Gatt wieġeb illi d-droga kienet inxtrat flimkien ma' sieħbu, u kull wieħed ħareġ is-sehem tiegħu. F'dan il-każ ukoll saret referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ryan Galea**, *supra citata*, u l-Qorti tenniet hekk:

[19] Per Onor. Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras, Deċiża 14 ta' Frar, 2022

> "Illi din il-Qorti pero' tosserva li fl-ahhar sentenza, il-Qorti kienet qed tara l-elementi kostituttivi tar-reat ta' biegh jew xort' ohra traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis kontemplat fl-art. 8(b) tal-Kap.101 u mhux dawk tar-reat dedott kontra l-appellat fit-tieni imputazzjoni u cioe' dak kontemplat fir-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939). Fit-tieni lok **qari attent tal-bran tas-sentenza fuq citat juri bic-car li dik il-Qorti kienet arginat l-interpretazzjoni taghha u iddistingwiet bejn kaz bhal dak li rrizulta f'dak l-appell u kaz fejn persuna ikollha id-droga hi biss, tkun xtratha jew ottjenietha hi biss u umbaghad tati minnha lil terzi. Fil-waqt li fis-sentenza citata irrizulta li kien wiehed fejn guvni u tfajla kienu xtraw u akkwistaw flimkien kontestwalment u ippartecipaw it-tnejn fl-akkwist, billi wiehed saq ghal fuq il-post tal-akkwist mal-ohra u hallas bil-flus taghha li kienet mieghu, dik il-Qorti iddistingwiet dak il-kaz minn kaz fejn l-akkwist ma jsirx flimkien.**" (enfasi miżjuda)

Fil-każ ta' **Il-Pulizija vs David Gatt** il-fattispecie kienu differenti u l-Qorti osservat illi:

> "... anki jekk riferibbilment ghall-qartas li instab fuq l-appellat fis-7 ta' Frar, 1999, seta' kien hemm il-figura tal-"joint acquisition" li skond l-ahhar sentenza citata ma tikkontjenix l-elementi ta' biegh jew traffikar ta' raza tal-cannabis u - b'analogija imgebbda favur l-appellat - anki il-figura ta' ipprokurar jew offerta ta' forniment tad-droga eroina li tahtha kien akkuzat l-appellat quddiem l-ewwel Qorti, jirrizulta "ex admissis" u minghajr ekwivoci li **fix-xahrejn ta' qabel** is-7 ta' Frar, 1999, **kien hemm okkazzjonijiet fejn l-appellat kien xtara id-droga eroina wahdu u umbaghad qasamha ma' Richard Cilia**." (enfasi miżjuda)

L-istess konklużjoni ntlaħqet mill-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** deċiża fis-17 ta' Marzu 2005 fejn il-Qorti tal-Appell wara li għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ryan Galea**, u osservat illi fiż-żewġ każijiet il-fattispecie kienu "*analogi, jekk mhux addirittura identici*", kompliet tgħid hekk:

> "Issa fil-kaz in ezami id-droga ghalkemm fizikament inghatat f' idejn l-appellanti mit-traffikant, kienet qed tinxtara flimkien ma' Magro u bi flus Magro stess, li ukoll gab is-siringi biex id-droga tkun tista' tigi somministrata lilu. Ghalhekk hawn kien hawn koakkwist minn Magro u l-appellanti.
>
> Din il-Qorti ghalhekk tara li l-fattispecji tal-kaz in dizamina jinkwadraw ruhom kwazi b' mod identiku mall-kaz ta' Ryan Galea u ghall-istess ragunijiet tirritjeni li bil-fatt innifsu li l-appellanti injettat lin-namrat taghha bi droga li huma kienu akkwistaw flimkien sahansitra bil-flus tal-istess namrat taghha li kien ukoll gab mieghu s-siringi, kif irrizulta lill-Ewwel Qorti, ma jissussistix ir-reat ta' traffikar izda dak biss ta' pussess."

Din il-linja ta' ħsieb ġiet ukoll kondiviża fis-sentenza fl-ismijiet **The Police vs Richard Alistair Cranston** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Ġunju 2017. F'dan il-każ ukoll tfajla u ġuvni illi kienu f'relazzjoni flimkien, it-tnejn kienu jabbużaw mid-droga u akkwistaw id-droga flimkien. Il-Qorti kkonkludiet illi f'dan il-każ "*drugs were acquired jointly for both their use. The fact that they had joint possession for their own use meant that what we are faced with here is a case of simple possession.*"

Il-Qorti sejra wkoll tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Omissis** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru 2015 fejn id-difiża argumentat illi dan kien każ li jinkwadra ruħu taħt *trafficking by sharing*, biss il-Qorti qalet hekk:

> "Dan ifisser illi l-appellanti kien a priori akkwista id-droga bl-intenzjoni li ighaddieha lil shabu. Fil-fatt ikompli ighid illi kienu shabu stess li indikawlu il-persuna minn ghand min kellu imur jixtrihom, izda ma xtaqx isemmi min kienu dawn shabu. Ighid fil-fatt illi huwa hallas ghalihom bi flusu u bil-flus li kien gabar minn ghand dawn shabu. Dan ghalhekk huwa kaz car u klassiku ta' persuna li qed tindahal biex tmur tixtri d-droga (f'dan il-kaz pilloli ecstasy) sabiex tipprovdieha lil terzi u mhux bhal fil-kaz indikat mil-legislatur ta' dik il-persuna li akkwistat d-droga li imbaghad taqsamha ma' terzi fl-istess post u fl-istess hin li kienet qed tikkonsmaha hi, bhal per ezempju dik il-persuna li ikollha xi joint u tiddeciedi taqsmu ma' haddiehor. Minn dak li ighid l-appellanti stess huwa gie inkarigat sabiex jakkwista id-droga ghal haddiehor, tant illi gie mghoddi il-flus minn ghand shabu sabiex huwa jakkwista il-pilloli ghalihom. Allura hawn temergi il-figura tal-mandant, li qed jigi mibghut minn haddiehor biex jakkwistalu id-droga. Illi huwa minnu illi dawk il-pilloli, hekk akkwistati u mghoddija lil shabu kienu ser jigu ikkunsmati fil-party li attendew ghalih, izda ma jistax jinghad illi dan jikwadra ruhu fit-tifsira, anke dik komuni, moghtija lil kelma "sharing" li necessarjament timplika il-pussess ta' oggett f'idejn persuna li ma izzommhiex biss ghalih, izda jaqsamha ma' haddiehor. U allura minn hawnhekk tohrog l-interpretazzjoni moghtija mill-qrati taghna tal-kuncett tal-komunanza. Jekk persuna jakkwista oggett ghan-nom ta' terz, ma jistax jinghad li qieghed jaqsam dak li ghandu hu fil-pussess tieghu ma' dak it-terz. Illi huwa proprju dan li gie imfisser fid-decizjonijiet **Il-Pulizija v. Russell Bugeja** u **Il-Pulizija v. Marco Galea**, decizi it-tnejn fil-5 ta' Mejju 2008 u li ghalihom taghmel referenza l-Ewwel Qorti fi-decizjoni impunjata.
>
> Illi huwa minnu illi il-qrati taghna jigu rinfaccjati spiss b'sitwazzjonijiet simili bhal dik li instab fiha l-appellanti, fejn grupp hbieb jinkarigaw lil wiehed minnhom sabiex jaghmel l-akkwist ghan-nom taghhom lkoll, u li tali persuna tispicca ikollha tiffaccja akkuzi dwar traffikar jew pussess aggravat. Izda ma jidhirx illi l-legislatur kellu f'mohhu dawn ic-cirkostanzi, li ghalkemm jimmeritaw l-attenzjoni tieghu, madanakollu ma jinkwadrawx rwiehom fid-dispost tal-ligi li jikkontempla 'l hekk imsejjah t-trafficking by sharing. Illi li kieku din il-Qorti kellha tabbraccja it-tezi prospettata mill-appellanti tkun qed tiftah il-bibien ghal abbuz serju fejn persuna intercettata b'ammont ta' droga jew sustanza illecita f'xi avveniment socjali tohrog bl-iskuza illi dawn hija akkwistathom bl-intenzjoni li taqsamhom ma' shabha, minghajr ma jingiebu provi ulterjuri sabiex tigi sostanzjata dina l-affermazzjoni."

Illum il-ġurnata dak l-aġir li jammonta għar-reat ta' traffikar *by sharing* ġie imwessa mil-leġislatur permezz tal-emendi ntrodotti riċentement permezz tal-Avviż Legali XXXVI tas-sena 2021 fil-proviso tal-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, identiku għall-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li issa jinkludi wkoll l-aġir ta' min jakkwista kwantita` żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avventiment wieħed mingħajr profitt. Fil-fatt illum il-proviso tal-Artikolu 120A(7) tal-Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien

> biħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profitt, il-qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu".

Ir-referenza għas-sentenza appena ċitata hija għall-fini illi tinstilet distinzjoni, li fl-opinjoni tal-Qorti hija waħda netta, bejn każijiet fejn persuna **tindaħal** sabiex tixtri d-droga għal ħaddieħor, bħal fil-każ ta' **Il-Pulizija vs Omissis**, appena ċitat, li llum ukoll jistgħu jaqgħu fl-ambitu ta' traffikar *by sharing* bl-emendi ntrodotti, kemm il-darba jikkonkorru ċ-ċirkostanzi li trid il-liġi fid-disposizzjoni appena ċitata ossia illi l-kwantita` tal-mediċina akkwistata tkun waħda żgħira, illi tkun ser tiġi kkunsmata fl-istess post u dan isir f'avveniment wieħed u mingħajr profitt, u dawk il-każijiet fejn persuni jifthemu illi jixtru d-droga flimkien u jipparteċipaw flimkien f'tali akkwist.

Tenut kont illi kull dubbju għandu jmur favur l-imputata, il-Qorti qed tqis illi droga kienet fil-pussess tal-imputata bħala riżultat ta' ko-akkwist minnha u minn sħabha. B'dan għalhekk illi l-imputata m'għandhiex tinstab ħatja ta pussess aggravat iżda biss ta' pussess ta' droga, reat kompriż u involut f'dak ta' pussess aggravat.[20]

Meta qieset il-piena, wara li ġie kkunsidrat in-natura tar-reat li qed tinstab ħtija dwaru, il-fedina penali netta tal-imputata w ta' dak li xehdet il-Qorti ma setgħetx ma tagħtix piż ukoll lil dak li ġie dikjarat minn **Dr. Valentina Gimeno**, psikologa mal-FSWS li spjegat kif wara li ġiet riferuta lil FSWS *"Bdejna billi niltaqgħu darba fil-ġimgħa għal sessions ta' terapija. Ovvjament aħna naħdmu bħala team, jiġifieri kien hemm is- social workers involuti fil-każ ta' Shirley ukoll fil-bidu nett. Komplejt insegwiha darba fil-ġimgħa, imbagħad bdejna qisu bil-mod il-mod inbiegħdu s-sessions għal darba kull ġimgħatejn u darba kull tlett ġimgħat, u komplejt insegwiha dawn is-snin kollha sa Diċembru tas-sena l-oħra, two thousand twenty (2020), fejn għalaqna l-każ għax rajna illi laħqet qisu l-goals li kellha tilħaq fit-terapija u ma kienx hemm bżonn biex inkomplu naħdmu flimkien daqs kemm kien hemm ħafna snin ilu. ... aħna nagħlqu l-każ għax naraw illi m'hemmx bżonn ta' terapija iktar u dan huwa indikazzjoni li dak li jkun **sejjer tajjeb, għandu iktar stabbilita fil-ħajja tiegħu u l-wellbeing in general** huwa aħjar minn fejn kien qabel għal fejn kien riferut għas-servizz."*[21]

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 40A, 120A(1)(a)(2)(b)(ii) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Ligi Sussidjarja 31.18, Avviż Legali 22 tal-1985, ma ssibx l-imputata ħatja tar-reat addebitat, iżda ssibha ħatja

---

[20] Vide ukoll **Il-Pulizija vs Shawn Borg** (Deċiża 25 ta' Novembru 2020) u **Il-Pulizija vs Franco Camilleri** (Deċiża 26 ta' Settembru, 2018), it-tnejn mogħtija mill-Onor. Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras

[21] Fol.60-61

tar-reat ta' pussess, reat kompriż u involut fl-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha, u tikkundannaha **disa' mitt ewro (€900)** ***multa***.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-ħatja tħallas l-ammont ta' **€229.58** rappreżentanti spejjez peritali.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**